# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr. Doreen Clarke LL.D.

**Illum 24 ta' Novembru 2022**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Roderick Attard)**
**vs**
**Omissis**

**Kumpilazzjoni 125/2020**

**Il-Qorti**

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-imsemmi Omissis.

Akkuzat talli fil-lejl ta' bejn it-8 ta' Marzu 2020, ghall-habta ta' bejn it-tmienja (20:00hrs) u l-ghaxra ta' filghaxija (22:00hrs) gewwa Triq tal-Gebel, Birzebbugia u/jew fi bnadi ohra fil-gzejjer Maltin:-

1) Minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' Omissis 1 f'periklu car ikkaguna ferita ta' natura gravi, fuq il-persuna ta' Omissis 1, hekk kif iccertifika Dr. Patrick Galea (numru ta' registrazzjoni medika 3481);

2) Akkuzat ukoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ghamel lil Omissis 1 ingurji jew theddid mhux imsemmijin band'ohra f'dan il-Kodici, jew jekk kien ipprovokat, ingurja b'mod li johrog barra mill-limiti tal-provokazzjoni;

3) Akkuzat ukoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi b'xi mod iehor mhux imsemmi band'ohra f'dan il-Kodici, kiser volontarjament il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku.

Akkuzat ukoll talli ghall-habta ta' bejn is-sebgha ta' fil-ghaxija (19:00hrs) u t-tmienja ta' fil-ghaxija (20:00hrs) ta' nhar id-09 ta' Marzu, 2020 gewwa triq il-Bajja s-Sabiha, Birzebbugia u/jew fi bnadi ohra fil-gzejjer Maltin:-

4) Minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' Omissis 2 f'periklu car, ikkaguna ferita ta' natura hafifa, fuq il-persuna ta' Omissis 2;

5) Akkuzat ukoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ghamel lil Omissis 2 ingurji jew theddid mhux imsemmijin band'ohra f'dan il-Kodici, jew jekk kien ipprovokat, ingurja b'mod li johrog barra mill-limiti tal-provokazzjoni;

6) Akkuzat ukoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi b'xi mod iehor mhux imsemmi band'ohra f'dan il-Kodici, kiser volontarjament il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku.

Il-Qorti giet mitluba li tohrog ordni ta' protezzjoni ta favur ta' Omissis 1 u Omissis 2 ai termini ta' l-Artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta kemm waqt il-mori tal-kawza kif ukoll f'kaz ta' htija ma' kull piena li l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa.

Rat il-kunsens ta'l-Avukat Generali biex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali u li l-imputat ma kellux oggezzjoni li dan il-kaz jigi hekk trattat.

Semghet il-provi u t-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

**IL-PROVI**

Illi dan il-kaz jirrigwarda zewg incidenti li sehhew fit-8 ta' Marzu 2020 u fid-9 ta' Marzu 2020 rispettivament.

Illi l-uffijcal prosekutur **l-Ispettur Roderick Attard**[1] spjega li fit-8 ta' Marzu 2020 dahal rapport dwar glieda bejn zewg zaghzagh: l-imputat u Omissis 1, f'liema incident Omissis 1 soffra griehi f'wiccu. L-ghada, id-9 ta' Marzu 2020, kien hemm incident iehor bejn l-imputat u Omissis 2. L-ispettur spjega li l-ewwel investigazzjonijiet tmexxew mis-surgent u hu gie infurmat bir-rapporti

[1] Depozizzjoni a fol 50.

wara. Meta gie infurmat bit-tieni incident gie arrestat l-imputat u x-xhud ha l-istarrija tieghu; l-istqarrija giet esebita[2].

Illi xehdu **PS1042 Aaron Omissis 3**[3] u **PS816 Shaun Vassallo**[4] li kkonfermaw r-rapporti dwar iz-zewg incidenti u prezentaw l-PIRS report relattiv[5].

Illi l-partijiet involuti f'dan l-incident tressqu bhala xhieda:

► **Omissis 1**[6] jghid li nhar it-8 ta' Marzu 2020 ghall-habta tat-tmienja ta' fil-ghaxija kien qieghed il-bandli max-xatt ta' Birzebbugia ma' zewgt ihbieb, Omissis 3 u Omissis 4. Meta kienu hemm Omissis 3 bdiet titkellem ma' habib ta'l-imputat li beda "*jitqazzez biex jipprova jimpressjonaha*". Omissis 1 specifika li hu ma kienx jafu lil Omissis  u sar jaf min hu wara l-incident ghax fittex fuq Facebook. Omissis 1 kompla jispjega li mbaghad hu, Omissis 3 u Omissis 4 telqu ghax hu kien ser iwassalhom id-dar. Meta bdew miexjin l-imputat u shabu ghaddew minn quddiemhom, ghaddew minn triq ohra u qabzuhom. Meta Omissis 1 u z-zewg tfajliet waslu hdejn ir-rounabout li hemm fit qabel Triq ir-Raddiena, fejn toqghod Omissis 4, l-imputat, li kien qieghed hdejn roundabout ohra li hemm fil-vicinanzi, qal lil Omissis 1: "*jekk trid toffendini offendini f'wicci*". Ghal dan id-diskors Cameilleri irrisponda billi qal lill-imputat li kieku ried joffendih kien joffendih f'wiccu. Dak il-hin l-imputat neza z-zarbun u l-flokk, Omissis 1 mar *face to face* u malli Omissis 1 fetah idu l-imputat mill-ewwel xejjer daqqa ta' ponn; l-ewwel daqqa tahielu fuq imniehru u kompla jaghtih u anke qabdu minn rasu b'idu il-leminijja fil-waqt li baqa jaghti b'idu ix-xellugijja. Omissis 1 beda jipprova jahrablu pero l-imputat waqqaw ma'l-art u baqa jaghtih fil-waqt li Omissis 1 beda jipprova jispakulah sa kemm l-imputat hallih u telaq 'l hemm. Omissis 1 zied li  habib ta' l-imputat beda jiehu video tal-glieda. Meta l-imputat u shabu telqu, Omissis 1 mar ghand Omissis 4 biex jahsel wiccu; dak il-hin induna li kellu qasma fuq imniehru u ohra taht ghajnejh; omm Omissis 4 marret l-ghassa taghmel rapport. Eventwalment Omissis 1 cempel lil ommu, li marret ghalih u haditu l-policlinic. Ix-xhud prezenta:

- certifikat mediku[7];
- sett ta' tlett ritratti li hadet ommu[8]; u
- ritratt ta' l-imputat li kien fuq Facebook[9].

► **Omissis 4**[10] tirrakkonta li kienet qeghda barra ma l-gharus taghha, Omissis 1, u habiba Omissis 3. Meta kienu sejrin id-dar ghaddew mill-bandli u

[2] Dok RA1 a fol 53.
[3] Depozizzjoni a fol 61.
[4] Depozizzjoni a fol 67.
[5] Dok AC1 a fol 64 dwar l-incident tat-8 ta' Marzu 2020 (a fol 64) u Dok SV1 dwar l-incident tad-9 ta' Marzu 2020 (a fol 70).
[6] Depozizzjoni a fol 20.
[7] Dok LC1 a fol 34.
[8] Dok LC2 a fol 35.
[9] Dok LC3 a fol 37.

waqfu ftit hemm; kien hemm l-imputat u shabu. Wiehed mill-hbieb ta'l-imputat ghajjat lil Omissis 3 u din marret biex tara, talabha l-facebook account taghha pero Omissis 3 qaltlu le. Omissis 4, Omissis 1 u Omissis 3 komplew mixjin lejn id-dar u safrattant l-imputat u shabu bdew miexjin warajhom. Omissis 4 tkompli tirrakkonta li hin minnhom l-imputat indirizza lil Omissis 1 u allega li Omissis 1 kien qallu kliem hazin; tghid li l-imputat f'dak l-istadju neza l-flokk, gie ghal Omissis 1 u qabad jaghtih. X'hin qaghdbu jaghtu Omissis 1 zelaq pero xorta baqghu jaghtu imma x'hin l-imputat ra d-demm hiereg waqaf. Sadattant Omissis 4 qalet lil Omissis 3 biex tmur isejjah lil huha (hu Omissis 4) biex jigi jghinhom, pero sa kemm gie l-imputat kien lahaq telaq. Mbaghad marru id-dar ta' Omissis 4 u minn hemm hadu lil Omissis 1 l-isptar. Ix-xhud specifikat li Omissis 1 li kellu d-demm ma wiccu. In kontro-ezami Omissis 4 qalet li beda hiereg id-demm mhux meta Omissis 1 zelaq, ghax hu laqa' b'idejh, imma x'hin l-imputat tah bil-ponn wara  li Omissis 1 zelaq.

- **Omissis 3**[11] da parti taghha tikkonferma li kienet qeghda barra il-bandli, mal-habiba taghha Omissis 4 u l-boyfriend tal-habiba Omissis 1; il-bandli kien hemm ukoll l-imputat ma' xi hbieb. Ix-xhud ziedet li lill-imputat kienet taf minn kien ghax gieli ratu qabel. Tghid li wiehed li kien ma'l-imputat, Eiden, kienet tafu u kien joqghod hdejn Omissis 4. Omissis 3 kompliet tirrakkonta li meta hi, Omissis 4 u Omissis 1 bdew niexjin lejn id-dar ta' Omissis 4 regghu iltaqghu ma'l-imputat u shabu, u l-imputat beda jghajjar lil Omissis 4, jaqbad maghha u jkellimha hazin. F'hin minnhom, meta kienu waslu kwazi hdejn id-dar ta' Omissis 4, Omissis 1 dar ghall-imputat u qabdu jaghtu. Wara marru d-dar ta' Omissis 4 biex Omissis 1 inaddaf wiccu, ghax l-imputat faqalu wiccu; hadd ma cempel lill-pulizija.

- **Omissis 2**[12] jghid li fid-9 ta' Marzu 2020 ghall-habta tat-tmienja ta' fil-ghaxija kien quddiem l-ghassa ta' Birzebbugia jistenna lit-tfajla, Omissis 5, meta mar l-imputat fuqu u hebb ghalih. Omissis 4 kjarifika li kien miexi u mar l-imputat u tah daqqa ta' ponn f'rasu, mad-daqqa storda u waqa ma'l-art u l-imputat beda beda jaghtih fuq wiccu. Omissis 4 zied li hu prova jqum pero l-imputat beda jzommu 'l isfel u jaghtih. Omissis 4 kompla jghid li kien stordut u qed jipprova jigi f'tieghu u jipprova jqum biex jiddefendi ruhu pero kien qieghed bla sahha; meta irnexxielu jqum mill-art l-imputat kompla jaghtih u hu (Omissis 4) prova jimbuttah minn wiccu. Dan kollu dam xi zewg minuti, meta hargu l-pulizija mill-ghassa; malli ra lill-pulizija l-imputat telaq jigri u harab. Waqt din il-kollutazzjoni l-imputat beda jghajjar lil Omissis 4 u jghidlu li ta xebgha lilu ukoll. Omissis 4 spjega li Omissis 4, li hija l-gharusa ta' Omissis 1, hija ohtu pero hu ma kienx jaf

---

[10] Depozizzjoni a fol 76.
[11] Depozizzjoni a fol 82.
[12] Depozizzjoni a fol 41.

x'kien gara il-gurnata ta' qabel. Ix-xhud esebixxa certifikat[13]. Minn dan ic-certifikat jidher li Omissis 4 soffra lacerazzjonijiet superficjali u xi griehi hfif ohra.

Illi xehed **Dr Patrick Galea MD**[14] li kkonferma b'gurament ic-certifikat prezentat minn Omissis 1. Huwa spjega li invista lil Omissis 1 fic-Centru tas-Sahha ta' Rahal l-Gdid u kkonstatat li Omissis 1 kellu ferita fuq in-naha ta' fuq ta' imniehru li kienet forma ta' stilla u kellha bzonn punti; ferita ohra lineari ta' cirka zewg centimetri li ukoll kellha bzonn il-punti, nefha fuq l-eyebrow tan-naha tal-lemin, tbengiela u nefha taht ghajneh tal-lemin, gilda miftuha fuq in-naha tal-lemin tar-ras u tbengiela fuq in-naha ta wara tar-ras. Ix-xhud zied li Omissis 1 gie riferut c-Centru tas-Sahha tal-Mosta biex isiru Xrays u gie konfermat li l-ghadam ta' imniehru kien miksur pero mhux imcaqlaq.

Illi kif intqal **l-imputat** irrilaxxja stqarrija[15]. Dwar l-ewwel incident l-imputat jghid li kien qieghed ma shabu, jidhku u jiccajtaw u jista' jkun li Omissis 1 haseb li kienu jidhku bih u beda joffendih u hu irrispondih. L-imputat kompla jirrakkonta li ghall-ewwel bdew joffendu lil xulxin pero f'hin minnhom Omissis 1 mbuttah, allura hu (l-imputat) imbuttah lura, Omissis 1 mbaghad tah daqqa ta' ponn u b'hekk gew f'l-idejn. L-imputat cahad li kien hu li ta l-ewwel daqqa u mistoqsi dwar il-griehi li soffra Omissis 1, l-imputat qal li Omissis 1 habat wiccu ma'l-art. L-imputat innega ukoll li kien hemm argument minhabba tfajla li kienet ma' Omissis 1. Dwar it-tieni incident l-imputat jghid li kien qieghed ma' shabu u gie wiehed u tah daqqa f'wara ta' rasu, l-imputat dawwar wiccu u dan il-guvni tah daqqa ta' ponn f'wiccu u hu (l-imputat) iddefenda lilu nnifsu. L-imputat zied jghid li hu ma kienx jafhom lil dawn iz-zewg guvintur pero jaf li t-tieni incident kien tpattija ghall-incident tal-gurnata ta' qabel. L-imputat zied jghid ukoll li l-guvni involut fit-tieni incident gheddu li ha jispara lejn il-beieb tad-dar tieghu. L-imputat innega li pogga xi videos tieghu innifsu fuq Tik Tok wara l-ewwel incident.

## L-IMPUTAZZJONIJIET

Ikkunsidrat

Illi permezz ta'l-ewwel tlett imputazzjonijiet l-imputat qed jigi addebietat b'reati in konnessjoni ma'l-incident li sehh fit-8 ta' Marzu 2020, u cioe:

1. li kkawza griehi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Omissis 1;
2. li ingurja u hedded lil Omissis 1; u
3. li kiser il-paci pubblika.

[13] Dok MP1 a fol 49.
[14] Depozizzjoni a fol 38.
[15] Dok RA1 a fol 53.

Illi permezz ta’l-ahhar tlett imputazzjonijiet l-imputat qed jigi addebietat b’reati konnessi mat-tieni incident u cioe dak li sehh fid-9 ta’ Marzu 2020, u cioe

4. li kkawza griehi ta’ natura hafifa lil Omissis 2;
5. li ingurja u hedded lil Omissis 2; u
6. li kiser il-paci pubblika.

Ikkunsidrat

Illi mill-atti processwali jirrizulta ampjament li kien hemm kollutazzjoni bejn Omissis 1 u l-imputat, jirrizulta ukoll li f’din il-kollutazzjoni Omissis 1 soffra diversi griehi f’wiccu. Ghalkemm jidher li l-ewwel disgwid bejn iz-zewg gruppi ta’ hbieb beda meta kienu l-bandli l-glied sehh meta kienu vicin id-dar ta’ Omissis 4. Aktar minn hekk ma jidhirx li meta kienu l-bandli l-imputat ghamel xi haga ghaliex Omissis 1 jghid li dak il-hin dak li gara kien bejn Omissis 3 u wiehed mill-hbieb ta’ l-imputat. Meta iz-zewg gruppi telqu mill-bandli u waslu vicin id-dar ta’ Omissis 4, fejn joqghod ukoll wiehed mill-hbieb ta’ l-imputat, regghu iltaqghu. Kien hawn li l-imputat u Omissis 1 spiccaw f’l-idejn. Skond l-imputat, Omissis 1 haseb li kienu qed jidhku bih ghalhekk offenda lill-imputat, l-imputat offendih lura, Omissis 1 imbuttah, hu imbuttah lura u f’dak l-istadju Omissis 1 tah daqqa ta’ ponn u spiccaw f’l-idejn. Min-naha l-ohra Omissis 1 jghid li kien l-imputat li ta l-ewwel daqqa ta’ ponn. Minkejja dan Omissis 1 jghid li kien hu li mar ”*face to face*” ma’l-imputat u kien hu li l-ewwel “*fetah idu*” pero l-imputat ma tahx cans u tah daqqa. Anke Omissis 3 Omissis 3 tghid li meta waslu hdejn id-dar ta’ Omissis 4, kien Omissis 1 li dar fuq l-imputat u qabdu jaghtu. Hija Omissis 4 biss li tghid li kien l-imputat li ghamel l-ewwel moviment fil-konfront ta’ Omissis 1.

Illi minkejja n-nuqqas ta’ qbiel f’dawn il-verzjonijiet, u minkejja il-persuni kollha koncernati ma qablux f’diversi dettalji fir-rakkont taghhom, il-Qorti hija tal-fehma li tista’ tasal dak li gara. Il-Qorti fil-fatt hija konvinta li kien Omissis 1 li mar fuq l-imputat u “*fetah idu*”, l-imputat pero da parti tieghu irreagixxa billi mill-ewwel qabad jaghti. Aktar minn hekk il-griehi sofferti minn Omissis 1 jindikaw li l-imputat ta diversi daqqiet u baqa jaghti anke wara li Omissis 1 spicca ma’l-art. F’dan ir-rigward jigi rilevat li mill-provi jirrizulta li waqt il-kollutazzjoni Omissis 1 waqa’ ma’l-art; min qal li zelaq, min qal li waqqaw l-imputat; hu cert pero  li Omissis 1 waqa waqt il-kollutazzjoni u bhala rizultat ta’ din il-kollutazzjoni. Aktar minn hekk huwa soffra griehi fuq iz-zewg nahat ta’ rasu: kemm fuq quddiem fejn soffra l-maggoranza tal-griehi u anke fuq in-naha ta’ wara fjen kellu nefa u tbengiela. La darba Omissis 1 soffra griehi fuq iz-zewg nahat ta’ rasu anke kieku huwa habat rasu meta waqa’ ma jistax ikun li soffra l-griehi kolha bhala rizultat tal-waqa’, li fi kwalunkwe kaz tibqa konsegwenza tal-kollutazzjoni.

Illi mill-atti jirrizulta li Omissis 1 soffra dawk il-griehi certifikati minn Dr Patrick Galea; dawn jaqaw taht definizzjoni ta’l-artikolu 216(1)(b) tal-Kapitolu

9 tal-Ligijiet ta' Malta ghal dak li jirrigwarda l-feriti, u taht definizzjoni ta'l-artikolu 216(1)(d) ta'l-istess Kapitolu 9 ghal dak li jirrigwarda l-ksur ta' l-ghadam ta' l-imnieher.

Illi in vista tas-suespost l-ewwel u t-tielet imputazzjonijiet jirrizultaw sodisfacjentement pruvati.

Illi fir-rigward tat-tieni imputazzjoni ghandu jinghad li hadd mill-partijiet (lanqas Omissis 1 stess) ma' allega li l-imputat qal xi kliem lil Omissis 1 li jista jifthiem bhala insolenti jew ta' theddied. Konsegwentement din it-tieni imputazzjoni ma tistax tirrizulta.

Ikkunsidrat

Illi dwar it-tieni incident xehedu biss Omissis 2 u l-imputat; huma taw verzjonijiet kunfliggenti dwar dak li gara.

Illi huwa stabbilit li mhux kunflitt ghandu jwassal ghal liberatorja ghaliex il-Qorti hija obbligata li tevalwa l-verzjonijet mghotija fid-dawl tal-provi kollha prodotti u tara lil min tista temmen u f'xiex.

Illi Omissis 4 zgur li esagera fir-rakkont tieghu ghaliex kieku qala d-daqqiet kollha li ddeskriva zgur li kien ikollu ferm aktar griehi milli fil-fatt garrab. Tenut kont ta' dan, tenut kont tan-nuqqas ta' provi ohra fir-rigward u tenut kont ta' dak il-"lurking doubt" li ghandha l-Qorti dwar iz-zewg verzjonijiet l-Qorti ma thossx li tista toqghod fuq verzjoni aktar milli ohra.

Illi konsegwentment ma jistax jinghad li l-imputazzjonijiet issa in ezami gew pruvati.

Ikkunsidrat

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat min-naha, u min-naha l-ohra ikkunsidrat l-eta ta'l-imputat, il-fedina penali netta tieghu u c-cirkostanzi li fihom beda' l-incident li dwaru qed jinstab hati.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, fil-waqt li ma ssibx lill-imputat hati tat-tieni, ir-raba, il-hames u s-sitt imputazzjonijiet u tilliberah minnhom, wara li rat l-artikoli 37, 214, 215, 216(1)(b)(d) u 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ssib lill-imputat **hati ta'l-ewwel u t-tielet imputazzjonijiet** migjuba kontra tieghu u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tpoggih taht ordni ta' **probation ghal perjodu ta' tmintax il-xahar** bil-kundizzjonijiet elenkati f'l-ordni mghoti kontestwalment.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u bil-konsegwenzi jekk jikkommetti reat iehor fiz-zmien prefiss u jekk ma joqghodx ghall-ordnijiet lilu mghotija.

Il-Qorti qed tordna notifika ta' din is-sentenza lid-Direttur ta'l-Ufficju tal-Probation.

**DR. DOREEN CLARKE LL.D**
**MAGISTRAT**